# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Revoka Nru.: 584/2018 MH**

**Illum, 3 ta' Awwissu, 2018**

**Wara l-mandat ta' sekwestru numru 912/2018, fl-ismijiet ta':**

**Kevin Attard (K.I. nru. 0310676M)**

**v.**

**Philip Cardona (Passaport Malti 1104928) u Mario Cardona (Passaport Malti 1105513)**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors**[1] ta' Philip Cardona li gie prezentat fis-6 ta' Gunju 2018 li permezz tieghu espona:

*"Preliminari*

[1] Folio 1

1. *Il-mandat ta' sekwestru odjern huwa* ***firvolu***, ***malizzjuż*** *u* ***vessatorju****; dan ġie ntavolat b'****mala fede assoluta u b'abbuż assolut tal-proċedura*** *u għandu, għalhekk jiġi ċensurat bl-aktar mod assolut l-aġir tas-sekwestrant Kevin Attard.*

*Iter tal-Fatti*

2. *L-esponenti sejrin jagħtu sinteżi tal-fatti sabiex jissostanzjaw l-ewwel premessa tagħhom hawn riportata u t-talbiet tagħhom f'dan ir-rikors u kif ukoll sabiex din L-onorabbli Qorti titqiegħed immedjatament fl-istampa tal-abbuż reklamat*[2].

3. *Permezz ta' rikors ġuramentat (riferenza numru 29/2018 JZM) intavolat fid-9 ta' Jannar 2018 Kevin Attard talab, inter alia, dikjarazzjoni ġudizzjarja li l-esponenti kienu responsabbli lejh għad-danni; talab ukoll likwidazzjoni u konsegwenti kundanna għall-ħlas mill-esponenti għall-istess danni (Dok. 'A')*[3]*. L-esponenti fissru l-objezzjoni tagħhom bid-debita risposta ġuramentata (Dok. 'B').*

4. *Kontestwalment (fid-9 ta' Jannar 2018) Kevin Attard talab u ottjena kontra l-esponenti l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju (riferenza numru 44/2018) u l-ħruġ ta' mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar (riferenza numru 43/2018) (Dok. 'Ċ' u Dok. 'D').* ***Il-kawżali ta' dawn il-mandati baqgħu id-danni pretiżi minn Kevin Attard****. Dan l-aħħar mandat kawtelatorju laqat l-attiv prinċipali tal-kumpannija KPM*

[2] Kif jidher minn Dok. 'L' hawn mehmuż Kevin Attard ma huwiex novizz għall-abbuż fl-użu tal-kawtelatorju.

[3] Ara d-disa' premessa u t-tmien, id-disa' u l-għaxar talba.

*Marine Services Limited, u ċioe l-bastiment bl-isem 'Alice', li hija work boat.*

5. *Fl-udjenza quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-20 ta' Frar 2018, tul is-smiegħ tar-rikors ġuramentat premess (riferenza numru 29/2018 JZM) Kevin Attard talab korrezzjoni fl-okkju tal-kawża, sabiex ikun huwa (prioprio) l-uniku attur f'dik il-proċedura; din l-Onorabbli Qorti laqgħet dik it-talba (Dok. 'E'). Ir-reklam għad-danni allura kien ta' Attard proprio.*

6. *Mgħejjuna minn din l-Onorabbli Qorti*[4]*, il-partijiet transiġew il-vertenzi kollha ta' bejniethom (jew għallinqas hekk ta' x'jifhem Kevin Attard) permezz ta' skrittura datata 4 ta' Ġunju 2018 (Dok. 'F'): din it-transazzjoni kienet tikkomprendi l-ħlas lill-esponenti tas-somma ta' EUR163,500 (Dok. 'G') kontra l-ishma minnhom miżmuma fil-kumpannija KPM Marine Services Limited (Dok. 'Ġ'), liema kumpannija, u allura anke l-bastiment 'Alice' issa ġiet ta' proprjeta' assoluta ta' Kevin Attard. In vista ta' din it-transazzjoni inħarġu d-debiti kontro-mandati għall-mandati surriferiti (riferenza numru 910/2018 u 911/2018) (Dok. 'Ħ' u 'H') u ġiet ċeduta l-kawża (Dok. 'I').*

7. ***Dakinhar stess tal-4 ta' Ġunju 2018, pero', wara li ġiet iffirmata l-iskrittura surriferita, u ġie mgħoddi l-ħlas, u s'intendi ad insaputa tal-esponenti, Kevin Attard, talab u ottjena l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestu odjern fil-konfront tal-esponenti din id-darba għas-somma ta' EUR260,000 skont hu "rappreżentanti danni sostanzjali li sofra s-sekwestrant meta l-intimat kellhom l-ishma flimkien mas-sekwestrant, tas-socjeta KPM Marine Services Limited C-67876." (Dok. 'J').***

[4] Tant illi f'din il-kawża l-Qorti ma rċevitx provi.

8. ***Dan jikkostitwixxi abbuż assolut da parti ta' Kevin Attard fl-użu tal-atti kawtelatorji.*** *L-esponenti jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti mill-ewwel tara kif:*

*(a) il-kawża ġiet ċeduta "stante ftehim";*

*(b) il-kontro-mandati ġew mitluba u ottjenuti "stante ftehim";*

*(c) il-kontro-mandati surriferiti għandhom ir-riferenza numru 910/2018 u 911/2018* ***bil-mandat odjern ikun in-numru 912/2018****;*

*(d) l-iskrittura ta' transazzjoni taqra bla tlaqliq:*

*"L-ewwel parti tiddikjara ghalhekk li ma ghandha* ***ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront tat-tieni parti****."*

*"L-ewwel parti qieghda inoltre taghti minn issa l-kunsens taghha ghall-izbank ta' kwalunkwe flejjes li jinsabu depozitati taht l-awtorita' tal-Qorti favur it-tieni parti, fosthom dawk depozitati ai termini tac-cedola ta' depozitu bir-riferenza numru 178/2017."*

*"Dan il-ftehim qed isir in via ta' transazzjoni.* ***L-ewwel parti qieghda taghti kwittanza assoluta lit-tieni parti u tiddikjara li ma ghandha ebda pretensjoni ta' kwalunkwe xorta kontra l-istess.****"*

9. *Hija l-fehma tal-esponenti illi jeżistu r-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 836 et seq tal-Kapitoli 12, kif ukoll raġunijiet oħra fil-mertu u fil-liġi sabiex dan il-mandat jiġi revokat, u dan kif se jiġi spjegat hawn isfel.*

*Ir-Raġunijiet għar-Revoka*

10. *Fid-dawl tal-premess, l-esponenti jħossu li ma jeħtieġilhomx iffisru wisq u fit-tul lil din l-Onorabbli Qorti r-raġunijiet li fuqhom huma msejsa t-talbiet orjerni.*

11. *Il-kwittanza mogħtija minn Kevin Attard fuq l-iskrittura tal-4 ta' Ġunju 2018 kienet* ***kwittanza assoluta****, tant illi saħansitra ta l-kunsens tiegħu għall-iżbank tal-flejjes depożitati taħt l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti u ddikjara li ma għandu* ***"ebda pretensjoni ta' kwaunkwe xorta"*** *kontra l-istanti.*

12. *X'sens jagħmel li Kevin Attard ħallas is-somma ta' EUR163,500 lill-esponenti sabiex* ***minuti*** *wara ressaq il-mandat odjern? Kieku veru Attard għandu pretensjoni ta' EUR260,000 għaliex affettwa dan il-ħlas? Għaliex awtorizza l-iżbank tal-flejjes depożitati f'isem l-istanti taħt l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti?*[5] ***L'hekk imsejħa pretensjoni ta' Kevin Attard ma hi filfatt pretensjoni xejn iżda hija biss tentattiv għal kollox malizzjuż u abbużiv sabiex iwaqqaf lill-esponenti milli jieħdu dawk il-flejjes lilhom imħallsa kontra l-ishma tagħhom fil-kumpannija KPM Marine Services Limited.***

13. *Kevin Attard malizzjożament induċa lill-esponenti sabiex jitrasferulu l-*

[5] Dok. 'K'

*ishma tagħhom fil-kumpannija KPM Marine Services Limited, taħt il-pretest li bejn il-partijiet kienet qiegħda sseħħ transazzjoni, sabiex b'hekk isir is-sid waħdieni ta' din il-kumpannija u allura tal-bastiment 'Alice'. Komportament dan li l-esponenti jħossu għandu jiġi ċensurat minn din l-Onorabbli Qorti.*

14. *Għandu jirriżulta għalhekk lil din l-Onorabbli Qorti li dan il-mandat intuża biss bi skop li jweġġa u għale ebda raġuni oħra (ara Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut; Qorti Ċivili, Prim'Awla; deċiż fil-5 ta' Gunju, 2003).*

15. *Huwa ormai assodat li hija u tidderimi rikors simili, din l-Onorabbli Qorti jeħtiġilha tagħmel biss eżami prima facie, u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża propja bejn il-kontendenti, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel din il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari, li jeħtiġilha tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprija[6], jekk Kevin Attard dejjem jintavolaha.*

16. *Għalhekk, dak li trid tagħmel din il-Qorti f'din il-proċedura huwa li teżamina prima facie jekk min ħareġ il-mandat kellux pretensjoni legali għall-istess:* ***mis-suespost, u partikolarment mill-iskrittura tal-4 ta' Ġunju 2018 jidher ċar li Kevin Attard, din il-pretensjoni ma jista' qatt ikollu.***

[6] Joseph Camilleri et vs Anthony Gove`et, provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-10 ta` Mejju 2001. Ara wkoll f'dan ir-rigward Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-5 ta' Ġunju, 2003; Francis Spiteri et vs Charles Darmanin et provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-25 ta` Awwissu 2010; Globalair Travel Ltd (C5893) vs Tomie McCarthy gia Makita et provvediment mogħti fit-2 ta' Jannar, 2016.

17. *F'<u>Emilia Miller Blacker pro et noe vs Maria Costantina Howard</u> deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Lulju, 1920 (Kollez. Vol: XXIV(C)/i/554 f'pagna 558-559) ingħad is-segwenti: "... quest' ultimo articolo (art. 831 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) disponeva che la domanda per la spedizione di un mandato cautelatorio si doveva fare dalla parte instante per via di ricorso e doveva in questo dichiararsi con giuramento l'origine e la natura del credito "o" della "pretensione" che si volesse cautelare:- che da questi termini si evinceva che non era necessario che chi faceva istanza per la spedizione di un mandato cautelatorio avesse effettivamente il diritto che egli intendeva cautelare, essendo sufficiente che egli **in buona fede** credesse avere un simile diritto, al che rispondeva la parola "pretensione" adoperata dala legge invece della parola "diritto". **Fil-każ odjern il-buona fede mitluba mil-Liġi ma teżisti mkien.***

18. *Huwa ormai assodat ukoll illi l-abbuz mill-proċedura ġudizzjarja jitqies f'każijiet li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet għaliha jew mal-frugħa tal-pretensjoni nfisha. Fejn ikun hemm element ta' aġir fieragħ fi proċedura ġudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuż tal-proċess ġudizzjarju[7].*

19. *Hija l-umili sottomissjoni tal-esponenti 'lli ma jista' qatt ikun kontestat li l-ammont kawtelat ma jista' qatt ikun ġustifikat u li, fiċ-ċirkostanzi l-att kawtelatorju in eżami ma huwiex ġustifikabbli.*

*<u>Konklużjoni</u>*

[7] <u>Paul Attard noe. vs. Loreto Abela</u> provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Mejju 2005.

20. *In vista ta' dak suespost, hija l-fehma tal-esponenti illi jeżistu l-elementi rikjesti mil-liġi sabiex jitneħħa, ossia jiġi revokat, il-mandat ta' sekwestru odjern.*

21. *Għar-raġunijiet hawn fuq sottomessi, u partikolarment stante l-evidenti nuqqas ta' ħtieġa tal-mandat odjern u stante l-fatt illi huma ma ġew notifikati bl-ebda interpellazzjoni qabel il-ħruġ tal-mandat, l-esponenti qegħdin minn issa jinvokaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 836 (8) (b) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

22. *Dwar il-penali, ingħad fil-kawża <u>Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut</u> (Qorti Ċivili, Prim'Awla; deċiż fil-5 ta' Gunju, 2003) illi din "hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż..." Kompliet il-Qorti f'<u>Paul Attard noe vs Loreto Abela</u> illi: "Il-Qrati taghna dejjem gharfu wkoll li l-jedd li wiehed idur ghal rimedji gudizzjarji ma ghandux jitbiddel f'abbuz tal-procedura bil-hsieb li, biex idejjaq jew b'mod fieragh, igib lill-parti avversarja f'qaghda li jkollha ccedi ghar-rikatt, ghandha jew m'ghandhiex ragun". Huwa proprju dan l-ilment tal-esponenti; illi* ***ċ-ċirkostanzi odjerni kif spjegat fid-dettal aktar 'l fuq ma jħallu l-ebda dubju għall-intenzjonijiet wara t-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern. Inoltre, għall-istess raġunijiet****, l-esponenti qegħdin jinvokaw ukoll id-disposizzjonijiet tal-artikolu 836 (9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

***Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti jitolbu illi prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni meqjusa neċessarja fiċ-ċirkostanzi, din l-Onorabbli Qorti joġgħobha:***

1. ***tikkunsidra dan ir-rikors b'urġenza;***

2. ***tirrevoka l-mandat ta' sekwestru bin-numru 912/2018 fl-ismijiet premessi b'mod sħiħ, u dan ai termini tal-artikolu 836 (1) (d), u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;***

3. ***tikkundanna, għar-raġunijiet mogħtija mill-artikolu 836 (8) (b) u/jew (d) tal-istess Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, lis-sekwestrant Kevin Attard sabiex iħallas il-penali sal-massimu maħsub mil-liġi, li tmur għand ir-rikorrenti odjerni;***

4. ***tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti odjerni, inkluż fosthom l-ispejjeż inkorsi in vista tal-mandat ta' sekwestru odjern, u tikkundanna lis-sekwestranti Kevin Attard sabiex iħallsu lir-rikorrenti dawk id-danni hekk likwidati, u dan ai termini tal-artikolu 836 (9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.***

5. ***sussidjarjament tordna lis-sekwestranti Kevin Attard sabiex, fit-termini tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti, fi żmien stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax.***

***Bl-ispejjeż kollha kontra s-sekwestrant."***

Rat **ir-risposta**[8] ta' Kevin Attard li giet prezentata seduta stante fl-4 ta' Lulju 2018 li permezz taghha espona:

***"Prelimari***

***L-istanti, ghar-ragunijiet imressqa f'din ir-riposta, qieghed jopponi ghat-talba imressqa mir-rikorrenti fir-rikors taghhom bin-numru 584/18 MH u dan bl-ispejjez kontra l-istess, ghar-ragunijiet segwenti:***

*Ic-cirkostanzi bejn l-iskrittura u l-att kawtelatorju huma totalment differenti:*

1. *Illi primarjament, fl-iskrittura datata 4 ta' Gunju 2018, il-partijiet transigew dwar t-trasferiment tal-ishma u l-assi tal-kumpannija KPM Marine Services Limited. Fl-ebda hin ma kien hemm ftehim dwar id-danni li sofra l-esponent;*

2. *Illi l-**kwittanza assoluta moghtija fuq l-iskrittura datata 4 ta' Gunju 2018 kienet moghtija rigward ic-cirkostanzi li jirrigwardjaw il-kawza precedenti bejn il-partijiet** (referenza numru 29/2018 JZM), u m'ghandha xejn x' taqsam mal-mertu ta' din il-kawza. **Ghalhekk il-partijiet trasigew fir-rigward tat-trasferiment tal-ishma tal-kumpannija**;*

3. *Illi ghalkemm kemm l-atti kawtelatorji precedenti (referenza numru 910/2018 u 911/2018 rispettivament) kienu ghad-danni ukoll, id-danni li jirrizultaw mertu tal-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni huma **danni differenti u ulterjuri li Kevin Attard sofra minahbba l-intimati**;*

[8] Folio 53

4. *Illi rigward id-danni reklamati fl-atti kawtelatorji precedenti surreferiti, l-esponenti Kevin Attard m'ghandu l-ebda pretenzjoni stante li dwar dawk id-danni hemm qbil bejn il-partijiet f' paragrafu 5 tal-iskrittura datata 4 ta' Gunju 2018;*

5. *Illi l-esponent hallas is-somma ta' EUR163,500 lill-intimati ghax dan l-ammont huwa rapprezentanti x-xiri tal-ishma tal-intimati fil-kumpannija KPM Marine Services Limited. Ma jistghux l-ishma jigu trasferiti lill-esponent minghajr ma dan ihallas u jitrasferixxi l-prezz tat-tali ishma lill-intimati;*

6. *Illi l-pretenzjoni tal-esponent m'hijiex wahda malizzjuza u abbużiva, izda hija wahda veritiera. L-esponenti Kevin Attard sofra telf ta' qliegh sostanzjali minhabba l-pika tal-intimati. Primarjament, il-bastiment li kien propjeta' tal-partijiet ghamel sebgha xhur marbut mal-moll minghajr ma jahdem, minn Ottubru 2017 sa April 2018. Li kieku dan il-bastiment baqa jahdem, il-partijiet setghu jaghmlu qliegh ta' circa €440,000.00 bejniethom, u ghalhekk sehem l-esponent kien ikun dak ta' circa €147,000.00, u dan kif se jigi spjegat ahjar fil-kawza bejn il-partijiet. Dan l-ammont qed jigi mahdum bl-ammont ta' €250 fis-siegha ghall-medja ta' tmien sieghat u nofs kuljum xoghol ghas-sebgha xhur li l-bastiment dam wieqaf;*

7. *Illi barra minn hekk, li kieku ma kienx hemm il-pika min-naha tal-intimati u dawn hallew lill-esponenti jixtri l-bastiment qabel, dan seta' jmur ghat-tonn bhalma l-partijiet kienu ghamlu fis-snin ta' qabel. L-ammont ta' telf ta' qliegh tal-esponent minhabba f'dan jammonta ghal circa €113,000, u*

*dan skont kif jidher fl-anness dokumenti mmarkati Dok KA1 – Dok KA4 li juru l-qliegh li ghamlu l-partijiet fis-sena 2017 mis-sajd tat-tonn;*

8. *Illi Kevin Attard ma mexiex malizzjozament. It-transazzjoni li sehhet kienet tirrigwardja l-ishma u l-assi ta' KPM Marine Services Limited. Fl-ebda hin f'dik it-transazzjoni ma gew diskussi d-danni reklamati f'dan l-att kawtelatorju fejn Kevin Attard hallas wahdu minn butu ghas-servizzi kollha li nghatat il-kumpannija KPM Marine Services Limited fiz-zmien li taghha kienu diretturi l-intimati, kif ukoll ghat-telf ta' qliegh li* ***sofra Kevin Attard minhabba l-pika tal-intimati li waqqaf ghal kollox l-operat tal-istess kumpannija****;*

9. *Illi kif inghad tajjeb fir-rikors tal-intimati, hija u tiddetermina rikors simili, din l-Onorabbli Qorti jehtigilha taghmel biss ezami prima facie.* ***Mis-suespost u mill-prospett u ircevuti annessi jidher car li prima facie Kevin Attard jista' jkollu din il-pretenzjoni;***

10. *Illi l-esponent qatt ma mexa in mala fede anzi* ***dejjem mexa in buona fede****. Tant mexa in bouna fede li, l-ammonti dovuti ghat-trasferiment tal-ishma tal-kumpannija f'ismu hallsu immedjatament sabiex hu jkun jista' jkompli bil-hidma tieghu, u ma jibqghux jikbru id-danni li huwa jsofri minhabba l-intimati;*

11. *Illi tant qieghed jimxi in buona fede l-esponent illi accetta li d-danni reklamati fl-atti kawtelatorji precedent jbatihom hu sabiex jaslu ghal ftehim rigward l-ishma tal-kumpannija. L-esponent ma baqax izomm iebes mal-intimati ghax hu m'huwiex ifittex li jaghmel hsara jew li jwegga' lill-intimati, izda qieghed ifittex biss dak li ghandu dritt ghalih hu;*

12.*Illi rigward it-talba tal-intimati li dan l-Mandat ta' Sekwestru jigi revokat ai termini tal-***Artikolu 836(1)(d) tal-Kap. 12***, din l-Qorti if diversament presjeduta fil-kaz* ***"Stephen Magri u Mary Grace Magri Gatt vs Emanuel sive Noel Magri" – P.A. (JZM) deciza fis-6 ta' Novembru 2014*** *irriteniet: "Illi bhala punt ta` dritt, din il-Qorti tghid illi fl-accertament tal-pretensjoni tar-rikorrent, l-ezami li hija trid taghmel huwa biss accertament prima facie ghaliex il-mertu kollu jigi trattat u deciz minnha stess kif presjeduta fil-kawza bejn il-partijiet li hija pendenti. Ghalhekk hemm limitazzjoni sinjifikanti fl-ezami li trid taghmel f'dan -listadju, tenut kont li hawn si tratta ta' procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza.*

*Illi f`dan il-kuntest taghmel riferenza* ***<u>ghall-provvediment moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta (PA/JRM) fid-29 ta` Lulju 2005 fir-Rikors Nru. 336/2005</u>*** *fejn inghad hekk –*

*Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mfixkel jew imgarrab b`leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. Minn dak li hareg waqt is-smigh tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata ezekutanti ghandha, tajjeb jew hazin, pretensjoni ta` hlas. Min-naha l-ohra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, taghti decizjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qeghda tiddeciedi l-qofol tal-mertu tal-kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidhol fihom fi procedura bhal din. Jerga` jinghad hawnhekk li dan l-accertament ma ghandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta` dak li huwa*

*(jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid thares bil-hrug tal-Mandat inghata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru.*

*Illi fil-kaz tal-lum, wara li qieset il-kontenut tar-rikors, u kif l-intimati laqghu ghar-rikors, il-Qorti ssib li r-rikorrent ma weriex imqar bi prova prima facie li l-ammont mitlub mhuwiex gustifikat jew li huwa eccessiv.*

*[…]*

*Illi ghar-rigward tal-fattur l-iehor – li huwa alternattiv – u li jaghmel ukoll parti mill-paragrafu (d) u cioe` li l-quantum huwa eccessiv, il-Qorti rat id-dokument li pprezentaw l-intimati mar-risposta taghhom bhala prova tal-quantum li talbu li jikkawtelaw bil-mandat. Fuq l-iskorta ta` dak id-dokument, fl-assenza ta` accenn da parti tar-rikorrent fuq il-fattur tal-eccessivita` fir-rikors tieghu, kif ukoll fl-assenza ta` l-produzzjoni ta` xi dokument iehor ta` kontabilita` da parti tar-rikorrent, il-Qorti ma tista` tiskarta bhala eccessiv l-ammont mitlub ghall-fini tal-procediment tal-lum.*

*Illi ghalhekk talba ghal revoka abbazi tal-Art 836(1)(d) qeghda tkun respinta."*

13.*Illi f'dan il-kaz, kif jidher mir-ragunijiet hawn fuq sottomessi kif ukoll mid-dokumenti annessi, jidher car li prima facie l-esponenti ghandu pretenzjoni ta' hlas minghand l-intimati. Barra minn hekk, l-intimati fl-ebda hin ma taw prova li dan l-ammont m'huwiex dovut, jew li hu b'xi mod eccessiv. L-unika prova li gabu l-intimati hija l-iskrittura datata 4 ta' Gunju 2018 li hija ftehim fuq cirkostanzi totalment differenti mill-mertu ta' dan il-kaz. B'hekk ikun ingust jekk din l-Qorti tilqa' t-talbiet*

*tal-intimati u tirrevoka dan il-mandat ai termini ta' dan l-artikolu stante li prima facie jidher li hemm pretenzjoni valida, u wahda li mhix eccessiva kif jidher min-nuqqas ta' prova min-naha tal-intimati;*

14. *Referibbilment ghas-subinciz iccitat mir-rikorrent l-***artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12***, din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz* ***"Spiteri vs Darmanin" – P.A. (JRM) deciza fil-25 ta' Awwissu 2010*** *ma hallietx dubju dwar l-interpretazzjoni korretta ta' dan is-subartiklu u rriteniet: "illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li,* ***wara l-hrug ta' mandat****, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. (Ara* ***"Dr. Tonio Fenech noe. Vs Dr. Patrick Spiteri et noe. – P.A. (GC) ta' Awwissu 2001****). Din it-tifsira tohrog mill-kliem jinzamm u aktar mehtieg li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m'ghadux il-kaz."*

15. *Illi minn mindu inhareg dan il-mandat ta' sekwestru ma nbidlet l-ebda cirkostanza bejn il-partijiet. Fil-fatt, l-intimati fir-rikors taghhom isemmu biss cirkostanzi li sehhew qabel ma nhareg dan il-mandat. Ghalhekk huwa improponibbli li dan il-mandat jigi revokat ai termini ta' dan l-artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

16. *Illi r-rikorrenti qegħdin jitolbu l-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Art 836(8) tal-Kap 12 fejn l-Qorti għandha l-fakolta` li timponi penali jekk jirrikorru l-elementi komtemplati fl-imsemmi artikolu tal-Liġi. Hawn issir referenza għall-provvedimenti* ***tal-14 t'Awwissu fl-atti tar-rikors numru 67/2013 fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-***

***Mandat ta' Sekwestru Numru 1595/12 fl-ismijiet: Joseph Tabone vs Capace Construction Limited:***

*"Illi dwar il-kwestjoni tal-impozizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuz. F'dan il-każ, ir-rikorrenti eżekutata ssemmi żewġ ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8) u jiġifieri li leżekutant naqas li jiġġustifika li l-Mandat kellu jinħareġ jew li, fil-ħmistax-il jum ta' qabel ma talab il-ħruġ tal-Mandat, naqas li jinterpella lill-eżekutata għall-ħlas [836(8)(b)]; u li l-Mandat inħareġ b'ħażen u b'mod fieragħ u abbużiv [836(8)(d)];*

*Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, l-liġi trid li qabel ma jinħareġ Mandat (u sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ċari ta' urġenza) l-eżekutant jitlob lid-debitur tiegħu fi żmien ħmistax-il jum, biex iħallsu d-dejn li għandu*

*miegħu.* ***Daqstant ieħor trid li, wara li jkun inħareġ il-Mandat, l-eżekutat jitlob lill-eżekutant biex ineħħi l-Mandat u dan tal-aħħar jonqos li jagħti raġuni tajba biex iżomm dak il-Mandat fis-seħħ;***

*Illi t-talba li ssemmi l-liġi ma tridx tkun tabilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali, u biżżejjed tkun waħda verbali. Fil-każ tal-lum, ir-rikorrenti eżekutata ma wrietx li hija talbet lill-eżekutant ineħħi l-Mandat qabel ma fetħet din il-proċedura. Lanqas ma wriet (għaliex l-allegazzjoni saret minnha) li fi żmien ħmistax-il jum qabel inħareġ il-Mandat, l-eżekutant ma kienx "b'xi mod" talabha tħallsu. Għall-kuntrarju, mill-fatti li jirriżultaw, il-pretensjoni tal-eżekutanti kienet ilha ssir sa minn bosta xhur qabel u li din il-pretensjoni kien eventwalment iddeduċiha kontra l-eżekutata u terzi fissura ta' kawża. Min-naħa l-oħra, l-eżekutant wera li ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat kienet ġustifikata għaliex ma jidhirx li l-pretensjoni tiegħu fir-Rikors Maħluf li ressaq kontra l-eżekutata u t-terz hija b'xi mod ieħor kawtelata;*

*Illi dwar it-tieni ċirkostanza, il-Qorti tqis li r-rikorrenti eżekutata tibni din it-talba tagħha fuq l-allegazzjoni li l-intimat eżekutant talab il-ħruġ tal-Mandat talbuh b'ħażen, b'kattiverja u għal raġuni fiergħa. Il-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq, tasal għall-fehma li ma jirriżultawx iċ-ċirkostanzi għall-impożizzjoni tal-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat . F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat;"*

17.*Illi b'hekk jidher car li l-applikazzjoni tal-Artikolu 836 (8)(b) jew (d) m'humiex ggustifikati f'dan il-kaz primarjament ghax l-attur iggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg, u permezz tal-istess provi wera car li*

*dan l-mandat ma nharigx b'mod frivolu jew vessatorju, izda ghax vera hemm pretenzjoni valida fejn l-attur sofra danni sostanzjali minhabba l-agir tal-intimati;*

18. *In vista ta' suepost din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talba tar-rikors 584/2018 MH u dan taht dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa."*

Rat l-atti kollha prezentati;

Qieset li dan ir-rikors hu vantat ai termini tal-Art 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll ir-rikors guramentat 623/18RM, prezentat quddiem din il-Qorti hekk kif diversament preseduta;

Qieset il-kawzali fil-kawza appena msemmija tmur oltre u hija differenti minn dik il-kawza transatta u msemmija fir-rikors promoter (ara fol 24 DokE, fol 26 DokF, fol 29 DokG, fol 32 DokH);

Konsegwentament rat li l-Artikoli ghar-revoka hekk kif invokati mir-rikorrent u kif ben esposti fir-risposta tal-intimat fir-referenza tieghu ghal gurisprudenza nostrana, ma humiex applikabbli ghal kaz in dezamina.

Konsegwentament tichad it-talba.

Spejjez ghar-rikorrenti.

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**